MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)

**Illum l-Hamis, 28 ta' Marzu 2019**

Rikors Numru 253/2015

**Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurati taghha Sina Bugeja (ID: 237357M) ghan-nom tal-'Foundation for Social Welfare Services', Joseph Attard (ID: 422757M), Aida Portelli (ID: 552158M), u Joseph Cini (ID: 172651M), sija bil-polza u sija bil-ligi, u kif ukoll l-istess Sina Bugeja (ID: 237357M) ghan-nom tal-Foundation for Social Welfare Services', Joseph Attard (ID: 422757M), Aida Portelli (ID: 552158M), u Joseph Cini (ID: 172651M)**

**vs**

**Palumbo Malta Shipyard Limtied<br>(C-48983)**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-26 ta' Awissu 2015 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata s-segwenti:

   *Thallas lir-rikorrenti is-somma ta' elf, erba' mija u seba' Euro u tnejn u sebghin Eurocentezmu (€1,407.72), liema somma tinkludi l-ammont ta' hames mija u hmistax-il Euro (€515.00) mhallsa bhala 'Excess' mill-assikurati tas-socjeta' mittenti, rapprezentanti danni sofferti mill-mittenti in segwitu ta' incident illi sehh bejn is-6 ta' Jannar 2013 u l-15 ta' Frar 2013 fil-Birgu u Bormla, meta raxx u rezidwi ta' zebgha jew materjali ohra simili kkawzaw hsarat fuq il-vetturi bin-numru tar-registrazzjoni MRN-782, RAE-148, KBO-247, AID-111 u EBP-913,*

*propjeta' ta' l-assikurati tas socjeta' mittenti - u dana bi traskuragni, imperizja u negligenza da parti taghkom.*

*Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta Novembru 2014, inti bqajt inadempjenti u ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-21 ta' Novembru 2014, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata "DOK A", u bl-imghaxijiet mill-21 ta' Novembru 2014 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata, minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' **Palumbo Malta Shipyard Limtied** fejn laqghet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

   1. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ampjament ppruvat waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kawza.*

   2. *Illi l-allegazzjoni illi l-vetturi tal-assikurati kienu f'dati differenti effetwati minn raxx u rezidwi ta' zebgha hija allegazzjoni minghajr bazi u minghajr prova materjali u hija minsusa fuq abuz serju stante illi fl-allegati dati ma jirrizulta ebda rapport u ebda informazzjoni moghtija lill-intimata socjeta' sabiex jista' jkun hemm prova u kontroll.*

   3. *Illi d-decizjoni tas-socjeta' attrici li taghmel tajjeb ghad-danni kienet wahda ghal kollox arbitrarja u ingustifikata*

   4. *Illi l-assikurati qed jallegaw tali incident lis-socjeta' intimata semplicement ghaliex din ghandha l-operazzjoni fl-inhawi. Illi x-xoghol fejn isir zebgha tal-bastimenti huwa diversi kilometri l-boghod u huwa milqugh mill-iswar gholjin tal-inhawi. Del resto fejn isir spray u sand blasting huwa zona maghluqa totalment stante li biex jsir spray ma jistax ikun hemm ambjenti esposti ghat-trab u elementi tant li l-post dedikat ghal dak ix-xoghol huwa maghluq b'tinda kbira . Ghalhekk huwa mhux biss ingustifikat li jaghmlu allegazzjonijiet bhal dawn meta certament s-sors ta' fejn seta' gew ikkawzati d-danni kienu kkawzati minn terzi persuni u huwa ghalhekk r-rikors odjern huwa abbuz kontra s-socjeta' intimata.*

   5. *Illi minn verifiki mal-Pulizija ma saru ebda rapporti formali fil-granet tal-allegat incident u dawn saru xhur wara semplicement ghar-raguni ta' submission of insurance claim minghajr il-pulizija interveniet sabiex taghmel l-accertamenti jew investigazzjonjet taghha.*

   6. *Illi fil-granet imsemmija fit-tarznari 1anqas biss kien hemm xoghol ta' dik in-natura u ghalhekk certament huwa eskluz li b'xi mod is-socjeta' attrici tista' tinterpella u zzomm responsabbli lill-intimata socjeta' li ghandha tinterpella lill-terzi.*

   *Salv Eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjes kollha a karigu tas-socjeta' mittenti.*

3. Rat illi fil-15 ta' Ottubru 2015 il-kawza thalliet ghal provi

## 2. Provi

1. Semgħet ix-xhieda ta’ **PS 404 Paul Camilleri** mogħtija fil-25 ta’ Jannar 2016 u rat ir-ritratti minnu esebiti (fol 23)

2. Rat il-kopja tal-konkluzjonijet tal-“*Inkjesta Magisterjali dwar Hsarat involontarji fuq propjetà mobbli jew immobbli allegatament ikkawżati minn operazzjonijiet li qed isehhu ġewwa l-Palumbo Shipyards nhar it-tlettax ta’ Frar 2013*” konkluża fit-30 ta’ Jannar 2014 (fol 25).

3. Semgħet ix-xhieda tas-**Surveyor Colin Cassar**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-7 ta’ April 2016 u rat is-Surveys minnu redatti fuq il-vetturi EBP-913 (fol 48) u MRN-782 (fol 58).

4. Semgħet ix-xhieda tal-**PC 910 Shaun Pace**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fid-19 ta’ Mejju 2016.

5. Semgħet ix-xhieda tas-**Surveyor Tarcisio Mercieca** prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-23 ta’ Jannar 2017 u rat is-surveys minnu redatti fuq il-vetturi KBO-247 (fol 82) u AID-111 (fol 86).

6. Semgħet ix-xhieda tas-Surveyor **David Mifsud** prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-23 ta’ Jannar 2017 u rat is-survey minnu redatt fuq il-vettura RAE-148 (fol 90).

7. Semgħet ix-xhieda tal-**PS831 Jonathan Bordieri** prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-24 ta’ April 2017 u rat ir-rapport tal-Pulizija minnu redatt u magħmul minn Charlton Abela, sid il-vettura KBO-247, fit 8 ta’ Jannar 2013 (fol 126)

8. Semgħet ix-xhieda ta’ **Malcolm Aquilina**, Claims Adjuster mas-socjeta’ rikorrenti, mogħtija fl-24 ta’ April 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnu ppresentata.

9. Semgħet ix-xhieda tal-**PS1051 Brian Joseph Cremona** prodott mir-rikorrenti u mogħtija fl-10 ta’ Lulju 2017 u rat ir-rapport tal-Pulizija minnu redatt u magħmul minn Joseph Cini, sid il-vettura EBP-913, magħmul fit-18 ta’ Frar 2013.(fol 150).

10. Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri ppresentata mis-socjeta’ rikorrenti fl-10 ta’ Lulju 2017.

11. Rat id-dokumentazzjoni esebita mis-socjeta’ rikorrenti fis-26 ta’ Ottubru 2017, li jinkludi riċevuti tal-hlas tal-excess u xoghlijiet ta’ tiswija fil-vetturi KBO-247, AID-111, RAE-148, MRN-782 u EBP-913. (fol 206).

12. Semgħet ix-xhieda tal-**PS831 Jonathan Bordieri** prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-26 ta’ Ottubru 2017 u rat ir-rapport tal-Pulizija minnu redatt u magħmul minn Metarda Portelli, sid il-vettura AID-111, fil 25 ta’ Frar 2013 (fol 232).

13. Semgħet ix-xhieda tal-**Ispettur Frankie Sammut**, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-27 ta’ Novembru 2017.

14. Semgħet ix-xhieda ta’ rikorrenti **Aida Portelli**, sid il-vettura AID-111, mogħtija fit-22 ta’ Jannar 2018.

15. Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti **Joseph Cini**, sid il-vettura EBP-913, mogħtija fid-19 ta' Frar 2018.

16. Semgħet ix-xhieda ta' **Marianne Bonavia**, sid il-vettura MRN-782, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-16 ta' April 2018.

17. Semgħet ix-xhieda ta' **Raylene Bugeja**, sid il-vettura RAE-148, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fis-16 ta' April 2018.

18. Rat ir-rapport ta' **Dr George Peplow**, ippresentat fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali fuq imsemmija, datat 24 ta' Jannar 2014, u ppresentat fl-4 ta' Ġunju 2018 (fol 315 – 506).

19. Rat ir-rapport ta' **Joseph Zammit**, ippresentat fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali fuq imsemmija ppresentat fl-4 ta' Ġunju 2018 (fol 507 – 639).

20. Semgħet ix-xhieda ta' l-espert **Joseph Zammit** mogħtija fil 5 ta' Lulju 2018.

21. Semgħet ix-xhieda ta' l-espert **Professur Dr George Peplow**, mogħtija fil 5 ta' Lulju 2018.

22. Semgħet ix-xhieda ta' **Malcolm Aquilina**, mogħtija fis-26 ta' Novembru 2018.

23. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2018 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

24. Rat id-dokument esebit mis-socjeta' intimata fis-7 ta' Marzu 2019.

25. Rat illi fis-7 ta' Marzu 2019 is-socjeta' intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta u` għalhekk il-kawża setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali.

26. Semgħet is-sottomissjonijiet verbali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet mogħtija fil-21 ta' Marzu 2019, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita ghal-lum, ghas-sentenza.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi s-socjeta' intimata Palumbo Malta Shipyards Limited, hija l-operatur tat-Tarzna illi tinstab ġewwa l-Isla.

2. Jirrizulta illi fix-xhur ta' Jannar u Frar tas-sena 2013, residenti ta' Bormla u persuni oħra illi kellhom l-vetturi tagħhom pparkjati ġewwa l-Bormla fil-vicinanzi tat-Tarzna ilmentaw illi vetturi u propjetajiet tagħhom kienu gew danneggjati b'materjal fil-forma ta' żebgħa fina illi ddeposita ruhu fuq il-vetturi u propjetajiet tagħhom, liema materjal probabbilment kien oriġina mit-Tarzna waqt illi kienu qed isiru xi xogħolijiet hemm.

3. Jirrizulta illi sussegwentement inftehet Inkjesta Magisterjali fejn gew appuntati varji esperti sabiex jistabbilixxu l-ħsarat ikkonstatati mir-residenti w il-kawża ta' l-istess.

4. Jirrizulta illi, fost l-esperti mqabbda, gew imqabbda l-espert Professur George Peplow, espert tekniku, sabiex jeżamina z-żebgħa u grit blast illi kien hemm u jistabbilixxi minn fejn oriġinat, kif ukoll l-espert Joe Zammit, sabiex jeżamina l-vetturi u jikkonstata l-ħsara illi ġiet riskontrata fihom.

5. Jirrizulta illi l-Inkjesta Magisterjali inghalqet fit-30 ta' Jannar 2014, wara illi l-varji esperti espletaw l-inkarigi tagħhom, w nbdew proċeduri kriminali.

6. Jirrizulta illi s-socjeta' GasanMamo Insurance Limited, kellha varji karozzi fid-dintorni illi kienu koperti minn polza tal-assikurazzjoni, jew fuq il-vettura stess jew, fil-kaz ta' xi vetturi, għal soċjetà illi ghaliha kienu jaħdmu s-sidien ta' xi vetturi, liema sidien kienu għalhekk koperti mis-socjeta' GasanMamo Insurance Limited.

7. Jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti GasanMamo Insurance Limited, permezz ta' tali poloz, onorat varji 'claims' illi saru lilha, wara illi tħallset l-'excess' da parte tal-klijent rispettivi.

8. Jirrizulta, di fatti, illi bhala riżultat, is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited ghamlet is-segwenti pagamenti:

   (1) Pagament ta' **€301.63** lill Aida Portelli ghall-vettura AID-111. (fol 208)

   (2) Pagamenti ta' €276.08 u €33, total ta' **€309.08**, lill Charlton Abela ghall-vettura KBO-247, (fol 210, 212)

   (3) Pagament ta' **€295** lill Foundation for Social Welfare Services ghall-vettura RAE-148, propjetà ta' Raylene Bugeja, impjegata tal-Fondazzjoni. (fol 215)

   (4) Pagament ta' **€230.09** lill Foundation for Social Welfare Services ghall-vettura MRN-782, propjetà ta' Marianne Bonavia, impjegata tal-Fondazzjoni. (fol 219)

   (5) Pagament ta' **€244.43** lill Joseph Cini ghall-vettura EBP 513 (fol 222)

9. Jirrizulta ukoll illi tħallsu s-segwenti '*excess'* lis-socjeta' rikorrenti GasanMamo Insurance Limited mill-assikurati, rikorrenti wkoll fil-proceduri odjerni:

   (1) Excess ta' €175 imħallas minn Aida Portelli ghall-vettura AID-111 (fol 209)

   (2) Excess ta' €55 imħallas minn Charlton Abela ghall-vettura KBO247 (fol 214)

   (3) Excess ta' €115 imħallas mill-Foundation for Social Welfare Services ghall-vettura RAE-148 (fol 218)

   (4) Excess ta' €115 imħallas mill-Foundation for Social Welfare Services ghall-vettura MRM-782 (fol 221)

   (5) Excess ta' €55 imħallas minn Joseph Cini ghall-vettura EBP-913 (fol 225)

## 4. Konsiderazzjoni Peritali

1. Jirrizulta illi fl-Inkjesta Magisterjali illi saret fuq talba tal-Pulizija wara illi rapporti illi huma kellhom, jirrizulta illi tqabbdu varji esperti, fosthom l-Espert Kimiku Professur George Peplow, illi kien inkarigat jeżamina l-ħsarat riskontrati u jevalwa minn fejn setghu gew u x'ikkawzahom, kif ukoll is-Sue Joe Zammit, illi kien inkarigat jeżamina l-vetturi li dwarhom sar rapport.

2. Jirrizulta illi l-Professur George Peplow, f'rapport dettaljat u studjat, kellu dan xi jgħid dwar l-investigazzjonijiet illi huwa ghamel: (fol 316)

*IL-KONKLUZJONIJIET FIL QOSOR*

*1. Kampjuni ta' tikek u tebghat solidi ngabru minni, Dr George Peplow, kif ukoll mill-pulizija tal-forensika, minn fuq vetturi, yachts u propjetajiet privati, biex jigu eżaminati permess ta' mikroskopju, u jigi kkonfermat jekk dawn it-tikek kinux tikek ta' zebghat u ramel tas-sand blasting li allegatamanet originaw minn xoghol li sar fil-Palumbo Shipyards.*

*2. Jirrizulta li residenti minn naha tal-Kottonera ssottomettjaw ilmenti mal-ghassa tal-Pulizija ta' Bormla fil-perjodu tal-ewwel gimghat ta' Frar ta' 2013, rigward dawn it-tikek li allegatament ikkagunawlhom hsarat.*

*3. Jirrizulta li bejn is-26 ta' Jannar u 14 ta' Frar 2013, saret sand blasting u zebghat fuq il-vapur Grande Brasile, li kien sorgut fil-Bacir Numru 4, fil-Palumbo Shipyards. Dan il-Bacir jigi xi 50 metru n-naha tal-Lvant tas-sur li jaghti ghall-Triq Tlett Ibliet, Bormla.*

*4. Jirrizulta li matul il-perjodu 26 ta' Jannar u 14 ta' Frar 2013, id-direzzjoni tar-rih kienet mid-direzzjonijiet tal-Lbic, Punent u Punent-Majjistru, li ghalhekk seta' kaxkar xi emissjonijiet minn-naha ta' Bacir 4, ghal fuq l-inhawi ta' Bormla u l-Isla. Il-velocita tar-rih, matul dawn li stess granet, kien relattivament qawwi.*

*5. Jirrizulta li matul il-perjodu tas-26 ta' Jannar u 14 ta' Frar 2013, sar sand-blasting u intuzat kwantita ta' zebgha tad-ditti Jotun u Hempel Paints, permess ta' spray kif ukoll bir-rollers, fuq il-Grande Brasile, f'Bacir Nru 4; zebgha ta' diversi kuluri, bl-akbar volume jkunu z-zebgha bajda, hamra, safra, u f'ammonti anqas, blu, hadra, griza u sewda.*

*6. Li studji bil-mikroskopju jikkonfermaw li l-bicca l-kbira assoluta tal-kampjuni migbura, kellhom tikek u tbajja ta' zebgha fil-maggjorparti ta' kuluri bojod, homor u sofor. It-tikek jaqblu perfettament bejn il-kampjuni kollha: fil-fisjonomija geometrika kulur u riflessjoni tad-dawl. Jaqblu wkoll ma' tikek ta' zebgha identika bhal dik uzata fuq il-Grande Brasile, li giet iggenerata fil-workshop tal-agent taz-zebgha Jotun.*

*7. Jirrizulta li qtar ta' zebgha (particelli) jistghu facilment itiru mar-rih u jibqghu niedja bizzejjed biex eventwalment jaqghu u jhallu tikek u tbajja fuq vetturi, yachts u propjeta anke jekk dawn tal-ahhar ikunu f'elevazzjoni ghola u metri l-boghod mis-sors bhal ma kien Bacir Nru 4*

3. Jirrizulta wkoll illi l-Professur George Peplow, tul l-investigazzjoni tiegħu, eżamina aktar minn ħames mitt vettura, inkluż il-ħames vetturi meritu tal-kawża odjerna, u wara l-investigazzjoni tiegħu huwa seta' jikkonstata s-segwenti fil-vetturi meritu tal-kawża odjerna:

   a. Vettura EBP-913 - 10 tikek sofor; 80 tikka bajda; 10 tikek ħomor; Grit Blasting - (fol 340)

b. Vettura KBO-247 - 100 tikka bajda; Grit Blasting (fol 348)

c. Vettura MRN-782 - Grit Blasting (fol 348)

d. Vettura RAE-148 – 100 tikka bajda; Grit Blasting (fol 352)

e. Vettura AID-111 - Grit Blasting (fol 353)

4. Jirrizulta illi l-Espert Joseph Zammit, fl-accessi illi ghamel fejn ezamina l-vetturi, kellu dan xi jgħid dwar il-vetturi illi huwa spezzjona:

   a. "*Vettura EBP913 ta' għamla Toyota Vitz ta' kulur Griz metalizzat instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi trattament ta' polish hafif għal spiża ta' 160 euro*" (fol 524)

   b. "*Vettura MRN782 ta' għamla Toyota Aygo ta' kulur Griz metalizzat instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi trattament ta' polish intensiv għal spiża ta' 200 euro*" (fol 571)

   c. "*Vettura KBO247 ta' għamla Chevrolet ta' kulur Ahdar metalizzat instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi trattament ta' polish hafif għal spiża ta' 150 euro*" (fol 574)

   d. "*Vettura AID111 ta' għamla Mercedes ta' kulur Iswed instab ammont ta' sandblast u tikek ta' żebgħa bajda li tirrikjedi trattament ta' polish intensiv għal spiża ta' 300 euro*" (fol 575)

5. Jirrizulta illi l-espert Joseph Zammit ma ezaminax il-vettura RAE-148.

6. Jirrizulta illi s-Surveyors tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited eżaminaw il-vetturi wkoll illi s-segwenti surveyors kellhom dan xi jghidu:

   a. Surveyor Colin Cassar:

      i. Vettura EBP913 : "*The vehicle's exterior body panels and exterior electrical and trim components are stained with White paint droppings*" (fol 48)
      ii. Vettura MRN782 : "*The vehicle's exterior body panels, glass and trim components are covered in White paint droppings*" (fol 58)

   b. Surveyor Tarcisio Mercieca:

      i. Vettura KBO247 : "*Micellaneous (Medium) Damaged by industrial fallouts, lives next to Dockyard. Over spray all over the car.*" (fol 82)
      ii. Vettura AID111 : "*Over spray all over the vehicle*" (fol 86)

   c. Surveyor David Mifsud:

      i. Vettura RAE148 : "*Moderate cosmetic damage due to sandblasting negatively affecting the vehicle's paintwork*" (fol 90)

## 5. Konsiderazzjoni ulterjuri

1. Jirrizulta illi d-difiza tas-socjeta' intimata fil-proceduri odjerni kienet ibbażata fuq l-argumentazzjoni illi, l-ewwel u qabel kollox, ma kinux responsabbli għal kwalsiasi tip ta' ħsarat, filwaqt illi allegaw illi ma sar ebda rapport lill-Pulizija meta allegatament sehh l-akkadut u illi l-assikurati kienu qed jippruvaw jiehdu vantaġġ ta' sitwazzjoni illi kienet ingħata pubblicita'.

2. Jirrizulta, madanakollu, a differenza ta' dak illi allegat is-socjeta' intimata, illi l-espert imqabbad mill-Qorti fl-Inkjesta Magisterjali, l-Professur George Peplow, kkonkluda illi xoghlijiet li kienu qed isiru ġewwa Bacir Nru 4 fuq il-bastiment Grande Brasile bejn is-26 ta' Jannar 2013 u l-14 ta' Frar 2014 spiċċa kkawza hafna ħsara fid-dintorni, fosthom fuq vetturi, liema ħsara kien l-bicca l-kbira tikek ta' zebgha bojod, sofor u homor, kif ukoll ramel ta' sandblasting.

3. Jirrizulta, kemm mir-rapport tal-espert imqabbad mill-Qorti fl-Inkjesta Magisterjali Joseph Zammit, kif ukoll mis-surveyors tas-socjeta' rikorrenti GasanMamo Insurance Limited, illi l-vetturi lkoll kellhom ħsarat illi kienu jikkonsistu f'żebgħa mferrxa madwar il-vetturi, liema ħsarat kienu jvarjaw f'intensita' iżda li kollha kienu jissolvew b'polish tal-vettura.

4. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi gew ippresentati ricevuti fejn jirrizulta illi s-socjeta' rikorrenti hallset b'kollox is-somma ta' €1,380.23, kif jidher ahjar deskritt fil-punt Nru 3.8 aktar 'l fuq bir-riċevuti esebiti, ghal tali ħsarat.

5. Jirrizulta illi f'tali somma, hemm l-ammont ta' €515 f'excess imhallsa mill-assikurati tas-socjeta' GasanMamo Limited, kif ahjar deskritti fil-punt Nru 3.9 aktar 'l fuq, liema somma trid eventwalment tiġi risarcita lill-istess assikurati.

6. Jirrizulta illi ma jista' jkun hemm ebda dubju illi l-ħsarat kkawzati fuq il-vettturi MRN-782, RAE-148, KBO-247, AID-11 u EAP-918, kienu lkoll ħsarat kkawżati minn xogholijiet illi saru ġewwa l-Bacir Nru 4, illi huwa amministrat mis-socjeta' intimata, u dan kif ikkonstatat ukoll mill-Espert Tekniku l-Professur George Peplow.

7. Jirrizulta, finalment, illi l-ispejjez inkorsi f'kull vettura, jidher illi huma ġustifikati, kemm mill-istima approsimattiva tal-espert tal-Qorti Joseph Zammit, kif ukoll mis-Surveyors tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited, u l-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita l-veraċità' tagħhom.

## 6. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata Palumbo Malta Shipyard Limited, u ghalhekk

**Tilqa** t-talba rikorrenti, izda limitatament kif gej, u dana billi

**Tillikiwda** d-danni sofferti mir-rikorrenti GasanMamo Insurance Limited kif ukoll Sina Bugeja ghan-nom tal-'Foundation for Social Welfare Services', Joseph Attard, Aida Portelli, u Joseph Cini fl-ammont ta' **elf, tlett mija u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€1,380.23)**, liema ammont jinkludi l-ammont ta' mitejn u tletin Euro (€230) dovuti lill Foundation for Social Welfare Services, mija u hames u sebghin Euro (€175) dovuti lill Aida Portelli, hamsa u hamsin Euro (€55) dovut lill Joseph Attard u hamsa u hamsin Euro (€55) dovuti lill Joseph Cini, lkoll bhala rifużjoni tal-'excess' minnhom imħallas, u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta' intimata Palumbo Malta Shipyard Limited thallas is-somma ta' **elf, tlett mija u tmenin Euro u tlieta u ghoxrin ċenteżmu (€1,380.23)** lir-rikorrenti għal danni minnhom sofferti, kif ahjar deskritt aktar 'l fuq.

**Spejjez** tal-proceduri odjerni jkunu kollha a kariku tas-socjeta' intimata.

**Imghax** ghandu jiddekorri fuq l-ammont hekk likwidat mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur